**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 41

12 ta' Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana - Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

ASSENTI:

Daniel Zerafa - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 41.1 | Qari ta' ittri ta' apologiji |
| 41.1.1 | Ma kienx hemm. Il kunsill gie nfurmat li Daniel Zerafa ma kien baghat l ebda emejl li ha jkun assenti ghal laqgha tal-kunsill. |
| 41.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 41.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 40 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 41.2.2 | Punti Mqajma mill - Minuti<br>Is-Sa. Janice Chetchuti talbet dettalji dwar minuta 40.3.11 ta' Seduta 40.<br>Gie deciz li- tigi mistennijja il-korrispondenza tas-Sur Horace Gauci. |
| *F'dan l-istadju dahal ghas-seduta is-Sur Horace Gauci (17:00)* | |
| 41.2.3 | Punti Mqajma dwar attivita<br>Is Sa. Janice Chetcuti gibdet l-attezzjoni fuq l-attivita tal -"cleaning day", li ser isehh minn Let's di it Malta fis-16 ta' Settembru 2017.<br>Wara diskussjoni libera is - Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li ha jikkomunika ma Let's do it Malta biex igib l-informazzjoni mehtiega. |
| 41.2.4 | Punti Mqajma mill - Minuti<br>Is-Sa Janice Chetchuti talbet dettalji dwar minuta 40.3.11 ta' Seduta 40.<br>Is-Sur Horace Gauci spjega fuq l-ghajnuna ta' "transplanting tas-sigar". |
| 41.2.5 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas- Sa Janice Chetcuti issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti ta' seduta 40, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 41.2.6 | Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett. |
| 41.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 41.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar l-10 t' Awisssu 2017, flimkien mas Sur Duncan Hall u Sa. Vanessa Galea kienet inzammet laqgha mal-Perit Edwin Mintoff regward "road markings". |
| 41.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar it-22 ta' Awissu 2017 ,gie infurmat li f'Ottubru ha jixxandar programm televizziv fuq TVM dwar lokalitajiet f'Malta fejn gie mistieden ghal intervista. |
| 41.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar l-24 ta' Awissu 2017, kellu laqgha tar-Regjun fejn gew diskussi "issues" tal-Kunsilli Lokali. |
| 41.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi fil-25 ta'Awissu attenda "Public Hearing", Hexagon House fuq decizjoni li kien hemm sabiex tinqala l-ewwel parti tac-cumnija u informa li il- permess inata. |

| | |
|---|---|
| 41.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fid-29 ta'Awissu flimkien mas Sur. Steven Grech, Sa. Janice Chetcuti, is-Sur Dunan Hall u Sa. Emma Vella<br>saret laqgha mal- Ministru Owen Bonnici fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Gie Infurmat wkoll li il-Kunsill Lokali ircieva l minuti tal-laqgha. |
| 41.3.6 | Is-Sindku informa lill- Kunsilliera prezenti illi nhar il-31 t'Awissu 2017,kienet inzammet laqgha il-Kunsill Lokali mas- Sur Chris Salerno tal GAL Xlokk rigward progett li gej fis-sehh ta' l-EU funds imsejjah LEADER. Is-Sindku spjega kif 80% tal-fondi ha jkunu mill-EU u 20% 'co-funding', u permezz ta' laqgha li kellu ma Shangai Electrics habbar ukoll li huma interessati li jkopru huma 20%. Is-Sindku spjega kif setghet titranga il-pjazza Dun Guzepp Caruana u l - hajt ta'l-iskola |
| 41.3.7 | Is-Sindku informa lill- Kunsilliera prezenti illi nhar l- 1 ta' Awissu 2017, inzammet laqgha ma' Shangai Electrics biex issir attivita ta' "Culture Night Ciniza", go Marsaxlokk. |
| 41.3.8 | Is-Sindku informa lill- Kunsilliera prezenti illi nhar il-5 ta' Awissu 2017 flimkien mas Sa. Vanessa Galea u Sa. Emma Vella inzammet laqgha ma' l-MEIB rigward is-"Sunday Hawkers". Is-Sindku spjega wkoll kif ha jsiru emendi fil-legislatura li ha jolqtu il-hinijiet, it-tindif, u kif kull posta ghandha tkun innumerata". Gie deciz li l-hinijiet stabbiliti mill-MEIB li kellhom ikunu mis 6:30 sat 15:00 fis-sajf u mis-6:30 sal-17:00 fix – xitwa. |
| 41.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar il-5 ta' Awissu 2017 flimkien mas - Sur Steven Grech, Sa. Vanessa Galea u Sa.Emma Vella, inzammet laqgha fir-rigward tal progett tar-"Regeneration Plan", u ssemma l- "Electricity Load", fix- Xatt is-Sajjieda. Is-Sindku informa lil Kunsill Lokali li ittra ha tintbat lil kull stabbiliment sabiex l-ispiza tigi ikkalkulata. |
| 41.3.10 | Is-Sindku semma l-attivita ta' Ghawdex li saret nhar is- 7 ta' Awissu 2017 mill-kunsill lokali. |
| 41.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar il- 11 t'Awissu 2017 flimkien mas Sur. Steven Grech u Sa. Emma Vella, inzammet laqgha mad-dipartiment ta' l-FRU sabiex isiru l-ahhar arrangamenti tal- Fish Fest. |
| 41.4 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 41.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Dwar Triq Port Ruman, is-sigar taz-Zebbug, dawl u sleeping policeman".<br>Wara diskussjoni libera gie deciz li tintalab stima minn Nexos ghad dawl u "civil works", tingabar stima apparti minn kutratturi ohra. |
| 41.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Biex issir laqgha ma' tar- restaurants dwar l-imwejjed u s-siggijiet, minhabba l-iskart"<br>Is-Sindku qal illi laqgha kellha issir l-ghada filoghdu it-13 ta' Settembru 2017. |
| 41.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Bollards tax-xatt".<br>Is-Sindku qal li is-Sur Steven Grech kellu jgib stima tal-bollards. Gie deciz ukoll li ma jinxtrawx f'daqqa mhabba l-ispejjez. |
| 41.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Bus Stop tal pjazza".<br>Is-Segretrju Ezekuttiv qal lil kunsill lokali li qed jistenna twegiba minghand transport |

| | |
|---|---|
| | Malta. |
| 41.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Kif ha nibqghu dwar l-iskrivana Vanessa Zahra?"<br>Is-Segretrju Ezekuttiv qal li l-kunsill lokali qed jistenna risposta minghand l-assocjazzjoni. |
| 41.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Ir-Regeneration Plan in-naha tal-ground u Zejtun Road ma'Triq Lepanto?"<br>Wara diskussjoni libera gie deciz li jigu segwita ir-regolamenti tat-Transport Malta. |
| 41.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Customer Complaints".<br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil kunsill li "customer complaints", ha jibdew jintbghatu lil kunsillieri kull hmistax u il-pendenti jigu diskussi waqt il-laqgha tal-kunsill. |
| 41.5 | Rapporti |
| 41.5.1 | -Il-Kunsill Lokali gie infurmat bil-korrispondenza tal-minuti li saru fil-laqgha flimkien mal Ministru Owen Bonnici. Il-kunsill gie nfurmat li il-Ministru ha jipprova jghin fil-binja tal-kappillan biex issir Muzew u ha jghin fil-fdalijiet Rumani tas-Silg biex jitranga.<br>- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellha tigi trangata il-hsara tal-latrina.<br>-Il-Kunsill gie nfurmat dwar korrispondenza li ntbatghet fl -10 ta'Settembru 2017 minn Pittur, li fejn talab jistax jarma fejn tal-monti biex ipingi u jbieh. Wara diskussjoni libera gie deciz li tigi kwotata il-ligi tal "buskers", u minn hem jintlahaq ftehim.<br>-Il-Kunsill gie infurmat b'korrispondeza rigward hajt ta' dar privata li jinsab f'kundizzjoni hazina u qieghed qrib l-iskola. Il hajt jinsab fi Triq l-iskola l-antika li taccessa fi Triq Cicerun. Wara diskussjoni libera gie deciz li tigi nfurmata il-Pulizijja.<br>- Il-Kunsill Lokali gie nfurmat b'korrispondenza fir-rigward tal bastiment "San Marco". Is-Sur Steven Grech semma kif kien diga ikkuntatja lill- awtorita koncernata biex jaraw x'ha jaghmlu bil –bastiment u hekk jigu evitati incidenti bla bzonn.<br>Il-Kusill gie nfurmat b'korrispondenza fejn qed jigi rikjest biex issir ATM vicin it-"Tourist Information Office".Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandha tigi diskussa l-ahjar lokazzjoni ta' l-ATM.<br>-Il-Kunsill gie nfurmat b'korrispondenza fuq il-free WIFI. Gie deciz li l-"Agreement", ghandu jigi revedut minhabba certu klawsoli li il-kunsill qed joggezzjona.<br>Il-Kunsill Lokali gie nfurmat ukoll b'korrispondenza mill-MTA fejn ghamlu rikjesta biex l-istess kunsill jinforma l-ghassa mhabba "l-Fire and Intruders Alarms". Wara diskussjoni libera gie deciz li il-kunsill jibat l-email lil ghassa u jikkopja lil l-istess awtorita.<br>- Permezz ta' korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali gie infurmat bl-arrangamenti li kienu saru mal GO p.l.c. u li l-installazjoni tal-kunsill ha tinbidel.<br>- Il-kunsill gie nfurmat li rcieva petizzjoni minghand rezidenti li joqoghdu fi Triq il-Firilla, fejn qed jitolbu li it-Triq li ricentement giet "one way", terga tkun "two way". Wara diskussjoni libera gie deciz li l-istess residenti jkelmu lit-Transport Malta.<br>- Permezz ta' Cirkolari numru 21/2017, il-kunsill Lokali gie nfurmat b'inizjattiva finanzjarja favur il-kommunita librerija Lokali / regjonali. Wara diskussjoni libera gie deciz il-massimu tal-fondi ma' jkunux aktar minn 300 Euro.<br>- Permezz ta' Cirkolari numru 21/2017, mahruga mill-gvern lokali, il-kunsill Lokali gie nfurmat b' inizjattiva dwar restawr ta' postijiet storici. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera li ghandha tintbghat applikazzjoni ghal Torri Vendome.<br>- Il-Kunsill Lokali gie infurmat rigward abbuz mal-monument tal-promenade. Is-Sindku informa lil- kunsill li-kien ghamel rapport l-ghassa.<br>Il-Kunsill gie nfurmat b'korrispondenza ta' applikazzjoni ta' l-ippjanar u ma stabet l-ebda oggezzjoni. |

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' Cirkolari numru 21/2017, mibghuta mid- Dipartiment tal Gvern Lokali gie ssugerit li l- laqgha tal kunsill ma' tibdix aktar tard mill-5:30 ta' fil-ghaxija. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-laqgha tal-kunsill tibqgha tinzamm bejn 16:30 u l-17:00 ta' fil -ghaxija.<br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/06945/17, RG/02352/17,PA/06632/17,RG/01772/17, RG/01542/17,RG/02633/17, PA/06241/17, PA/02597/17, PA/06675/17, EC/00207/17, RG/01783/17,PA/06756/17 u PA/05308/17. Gie deciz illi ma kelha tistab ebda oggezzjononi ghall-applikazzjonijiet imsemmija hlief ghal applikazzjonijiet numru PA/06197/17 u PA/06618/17 li ghalihom il-Kunsill Lokali kellu jirregistra interess. |
| 41.6 | Mozzjonijiet |
| 40.7.1 | Ma kienx hemm. |
| 41.7 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 40.8.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 9/17 ) ghall-approvazzjoni. |
| 40.8.2 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 41.8 | Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 40.9.01 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:45p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u ghad irid jintlahaq ftehim ghal meta ha tigi aggornata. |

Konfermati,illum 28 ta'Settembru 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Horace Gauci | Emma Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |